

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

9.7.2007

0067/2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Justas Paleckis, Roberta Anastase, Marco Cappato, Helene Flautre u Luisa Morgantini

dwar il-pienas tal-mewt fil-Belarus

Data ta' skadenza: 15.11.2007

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-piena tal-mewt fil-Belarus

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti dwar il-piena tal-mewt, b'mod partikolari dawk adottati l-aktar riċenti fl-1 ta' Frar 2007 u fis-26 ta' April 2007,
 - wara li kkunsidra l-fatt li fl-1999, fl-2000 u fl-2001, il-Belarus ko-sponsorja r-riżoluzzjoni tan-NU dwar moratorju universali dwar il-piena tal-mewt waqt il-Kummissjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-piena tal-mewt hija kastig krudili u inuman u tikser id-dritt tal-ħajja,
- B. billi l-Belarus huwa l-uniku pajjiż Ewropew li jipprattika l-piena kapitali,
- Ċ. billi skond l-aktivisti tad-drittijiet tal-bniedem, fil-Belarus isiru minn żewġ sa ħames eżekuzzjonijiet kull sena u l-membri familjari m'humix qed jiġu informati dwar id-destin tal-qarib tagħhom li jkun instab ġati,
1. Itenni l-pożizzjoni li ilu jħaddan kontra l-piena tal-mewt fil-każijiet kollha u taħt iċ-ċirkostanzi kollha;
 2. Jirrakkomanda bil-qawwa kollha lill-Belarus biex japplika moratorju fuq il-piena tal-mewt bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali, u biex jirratifika t-tieni Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokolli rilevanti tagħha;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iqajmu din il-kwistjoni fuq il-livell internazzjonali u biex jieħdu l-opportunitajiet biex jimplimentaw kampanji kontra l-piena tal-mewt fil-pajjiż;
 4. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din l-istqarrija, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.